Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,643, 10 ta' Settembru, 2010
Taqsima B

A.L. 426 tal-2010

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2002 dwar Liċenzi tas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 191 tal-2002.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu trasposti u implimentati –

(a) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/112/KE tal-25 ta' Awissu, 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE dwar il-liċenzi tas-sewqan, u

(b) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awissu, 2009, li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzi tas-sewqan.

Jemenda t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-titolu "Vista" u l-partita 2 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Vista

2. L-applikanti kollha għal liċenza tas-sewqan għandhom jgħaddu minn investigazzjoni xierqa sabiex jiġi

żgurat li għandhom akutezza adegwata fil-vista sabiex isuqu vetturi bil-mutur. Jekk ikun hemm xi lok ta' dubju dwar jekk il-vista tal-applikant tkunx adegwata, huwa għandu jiġi eżaminat minn awtorità medika kompetenti. Waqt dan l-eżami għandha tingħata attenzjoni għal dan li ġej, b'mod partikolari: kemm hi akuta l-vista, il-kamp ta' viżjoni, il-vista fil-għabex, is-sensittività għad-dija u l-kuntrast, id-diplopija u funzjonijiet oħra tal-vista li jistgħu jikkompromettu s-sewqan sigur.

Għas-sewwieqa tal-Grupp 1, il-liċenza tista' tingħata f'"każijiet eċċezzjonali" jekk il-livell tal-kamp ta' viżjoni jew dak tal-akutezza fil-vista ma jkunux jistgħu jintlaħqu; f'każijiet bħal dawk is-sewwieq għandu jsirlu eżami minn awtorità medika kompetenti sabiex jintwera li m'hemm l-ebda ħsara oħra fil-funzjoni tal-vista, inklużi s-sensittività għad-dija u l-kuntrast u l-vista fil-għabex. Is-sewwieq jew l-applikant għandu wkoll jagħmel eżami prattiku pożittiv li jsirlu minn awtorità kompetenti.

Grupp 1:

(i) L-applikanti għal-liċenza tas-sewqan jew għat-tiġdid ta' dik il-liċenza għandu jkollhom akutezza binokulari fil-vista, b'lentijiet korrettivi jekk ikun meħtieġ, ta' mill-anqas 0.5 meta jintużaw iż-żewġ għajnejn flimkien.

Barra minn hekk, il-firxa viżwali orizzontali għandha tkun ta' mhux inqas minn 120 grad, l-estensjoni għandha tkun tal-inqas 50 grad fuq il-lemin u fuq ix-xellug u 20 grad 'il fuq u 'l isfel. M'għandux ikun hemm difetti f'raġġ ta' 20 grad ċentrali.

Meta tinstab jew tiġi dikjarata marda progressiva tal-għajnejn, il-liċenzi tas-sewqan jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu bil-kundizzjoni li l-applikant joqgħod għal eżami regolari minn awtorità medika kompetenti.

(ii) L-applikanti għal-liċenza tas-sewqan jew għat-tiġdid ta' dik il-liċenza, li jkollhom telf funzjonali sħiħ tal-vista minn għajn waħda jew li jkunu jużaw għajn waħda biss (eżempju, fil-każ ta' diplopija) għandu jkollhom akutezza viżwali ta' mill-inqas 0.5, b'lentijiet korrettivi jekk dawn ikunu meħtieġa. L-awtorità medika kompetenti għandha tiċċertifika li din il-kondizzjoni

ta' vista monokulari tkun eżistiet għal żmien twil biżżejjed li jippermetti adattament u li l-kamp ta' viżjoni f'din l-għajn ikun jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu (i).

(iii) Meta jkun hemm xi żvilupp reċenti ta' diplopija jew wara li tintilef il-vista minn għajn waħda, għandu jkun hemm perjodu ta' adattament xieraq (eżempju, sitt xhur), li fih il-persuna ma tkunx tista' ssuq. Wara dak il-perjodu, hija tkun tista' ssuq biss wara li tingħata opinjoni favorevoli minn esperti tal-vista u tas-sewqan.

Grupp 2:

(iv) L-applikanti għal-liċenza tas-sewqan jew għat-tiġdid ta' dik il-liċenza għandu jkollhom akutezza viżwali, b'lentijiet korrettivi jekk dawn ikunu meħtieġa, ta' mill-inqas 0.8 fl-għajn it-tajba u mill-inqas 0.1 fl-għajn mhux daqstant tajba. Jekk jintużaw lentijiet korrettivi biex jinkisbu l-valuri ta' 0.8 u 0.1, l-akutezza minima (0.8 u 0.1) għandha tintlaħaq jew permezz ta' korrezzjoni bil-mezz ta' nuċċali li jkollu qawwa ta' mhux aktar minn + 8 *dioptres*, jew bl-għajnuna ta' lentijiet tal-kuntatt. Il-korrezzjoni għandha tkun tollerata sew.

Aktar minn hekk, il-firxa viżwali orizzontali għandha tkun ta' mhux inqas minn 160 grad, l-estensjoni għandha tkun ta' mill-inqas 70 grad fuq ix-xellug u fuq il-lemin u ta' 30 grad 'il fuq u 'l isfel. M'għandux ikun hemm difetti f'raġġ ta' 30 grad ċentrali.

M'għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan lil applikanti jew sewwieqa li jkunu jbatu minn sensittività għall-kuntrast imnaqqsa jew minn diplopija.

Wara telf sostanzjali ta' viżjoni f'għajn waħda, għandu jkun hemm perjodu ta' adattament xieraq (eżempju, sitt xhur) li fih il-persuna ma tkunx tista' ssuq. Wara dak il-perjodu, hija tkun tista' ssuq biss wara li tingħata opinjoni favorevoli minn esperti tal-vista u tas-sewqan.";

(b) minflok il-partita 6 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"6. Fil-paragrafi li ġejjin, ipogliċemija severa tfisser li tkun meħtieġa l-għajnuna ta' persuna oħra u ipogliċemija rikorrenti hija definita bħala t-tieni ipogliċemija severa matul perjodu ta' 12-il xahar.

Grupp 1:

(i) Jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan lil applikanti jew sewwieqa li jkunu qegħdin ibatu minn djabete mellitus. Meta jiġu kkurati b'mediċina, huma għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni medika awtorizzata u għal eżami mediku regolari, kif xieraq għal kull każ, iżda mhux f'intervalli ta' iktar minn ħames snin.

(ii) M'għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan lil applikanti jew sewwieqa li jkunu qegħdin ibatu minn ipogliċemija severa jew minn għarfien ħażin tal-ipogliċemija. Sewwieq li jkun ibati mid-djabete għandu juri għarfien tar-riskju tal-ipogliċemija u kontroll adegwat tal-kundizzjoni.

Grupp 2:

(iii) Tista' tingħata kunsiderazzjoni għall-ħruġ/tiġdid ta' liċenzi ta' Grupp 2 lil sewwieqa li jbatu minn djabete *mellitus*. Meta jiġu kkurati b'mediċini li jkollhom ir-riskju li jikkaġunaw l-ipogliċemija (jiġifieri, bl-insulina, u xi pilloli), għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin:

— ma kien hemm l-ebda każ ta' ipogliċemija severa fit-12-il xahar ta' qabel,

— is-sewwieq ikun għalkollox totalment konxju mill-ipogliċemija,

— is-sewwieq għandu juri kontroll adegwat tal-kundizzjoni permezz ta' monitoraġġ regolari taz-zokkor fid-demm, għall-inqas darbtejn kuljum u f'ħinijiet rilevanti għas-sewqan,

— is-sewwieq għandu juri għarfien tar-riskji tal-ipogliċemija,

— ma jkun hemm ebda kumplikazzjoni oħra tad-djabete li tipprojbixxi s-sewqan.

Iktar minn hekk, f'dawn il-każijiet, il-ħruġ ta' liċenzi bħal dawk ikun soġġett għall-opinjoni ta' awtorità medika kompetenti u għal eżami mediku regolari, li jsir f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin.

(iv) Każ ta' ipogliċemija severa waqt li wieħed ikun imqajjem, anki jekk ma jkunx relatat mas-sewqan, għandu jiġi rappurtat u għandu jagħti lok għal evalwazzjoni mill-ġdid tal-istat tal-liċenza."; u

(ċ) minflok il-partita 8 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"Epilessija

8. Attakki epilettiċi jew disturbi oħra li jiġu f'daqqa fl-istat ta' konoxxenza jikkostitwixxu periklu serju għas-sigurtà stradali jekk dawn jiġru f'persuna li tkun qiegħda ssuq vettura bil-mutur.

Epilessija hi mfissra bħala li persuna kellha żewġ attakki epilettiċi jew aktar, f'inqas minn ħames snin wieħed mill-ieħor. Attakk epilettiku provokat huwa mfisser bħala attakk li jkollu fattur li jikkaġunah rikonoxxut li jista' jiġi evitat.

Persuna li jkollha attakk tal-bidu jew iżolat jew li tintilef minn sensiha għandha tingħata parir li ma ssuqx. Ikun meħtieġ rapport ta' speċjalista, li jsemmi l-perjodu li fih ma tkunx tista' ssuq u x'għandu jsir wara dak il-perjodu.

Huwa estremement importanti li jkunu identifikati s-sindromu speċifiku tal-epilessija u t-tip ta' attakk tal-persuna sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni kif imiss ta' kemm dik il-persuna tkun tista' ssuq mingħajr periklu (kompriż ir-riskju ta' aktar attakki) u tinbeda t-terapija xierqa. Dan għandu jsir minn newrologu.

Grupp 1:

(i) Sewwieqa evalwati taħt Grupp 1 b'epilessija għandu jkollhom il-liċenza tagħhom riveduta sakemm ma jkollhom l-ebda attakk għal mill-inqas ħames snin.

Jekk il-persuna jkollha l-epilessija, hija ma tkunx tissodisfa l-kriterju għal liċenza mingħajr kundizzjoni. L-awtorità li toħroġ il-liċenzi għandha tkun mgħarrfa b'dan.

(ii) Attakki ta' epilessija provokati: l-applikant li kellu attakk ta' epilessija provokat minħabba fattur provokattiv rikonoxxut li x'aktarx ma jerġax iseħħ waqt li huwa jkun qiegħed isuq, jista' jiġi dikjarat li jista' jsuq fuq bażi individwali, soġġett għal opinjoni ta' newrologu (l-evalwazzjoni għandha tkun, jekk dan ikun xieraq, skont taqsimiet oħra ta' din l-Iskeda, bħal fil-każ ta' alkoħol jew xi komorbidità oħra).

(iii) L-ewwel jew l-uniku attakk li ma jkunx provokat: l-applikant li kellu l-ewwel attakk ta' epilessija li ma kienx provokat jista' jiġi dikjarat li jista' jsuq wara perjodu ta' sitt xhur mingħajr ebda attakk, jekk qabel tkun saret evalwazzjoni medika kif xieraq. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu permess lil sewwieqa li jkunu juru minn qabel sinjali tajbin biex isuqu aktar kmieni.

(iv) Telf ieħor ta' sensi: it-telf ta' sensi għandu jiġi evalwat skont ir-riskju ta' kemm dan jirripeti ruħu waqt is-sewqan.

(v) Epilessija: sewwieqa jew applikanti jistgħu jiġu dikjarati tajbin biex isuqu wara perjodu ta' sena li fih ma jkollhomx attakki oħra.

(vi) Attakki esklusivament waqt l-irqad: l-applikant jew is-sewwieq li jkun qatt għadu ma kellu xi attakki ħlief dawk waqt l-irqad jista' jiġi dikjarat li hu tajjeb biex isuq sakemm din is-sekwenza tkun ġiet stabbilita għal perjodu li ma jkunx iqsar mill-perjodu mingħajr attakk meħtieġ għall-epilessija. Jekk iseħħ attakk waqt li l-persuna tkun imqajma, ikun meħtieġ perjodu ta' sena mingħajr attakk ieħor qabel tingħata liċenza [ara l-paragrafu (v)].

(vii) Attakki mingħajr influwenza fuq is-sensi jew il-kapaċità li taġixxi: l-applikant jew is-sewwieq

li jkun qatt għadu ma kellu xi attakki ħlief attakki li jkunu esklusivament intwerew li la jaffettwaw is-sensi u lanqas ma jikkawżaw xi ħsara funzjonali jista' jiġi dikjarat li hu tajjeb biex isuq sakemm din is-sekwenza tkun ġiet stabbilita għal perjodu li ma jkunx iqsar mill-perjodu mingħajr attakk meħtieġ għall-epilessija. Jekk iseħħ attakk ta' liema xorta jkun, ikun meħtieġ perjodu ta' sena mingħajr attakk ieħor qabel ma tingħata l-liċenza [ara l-paragrafu (v)].

(viii) Attakki minħabba bidla jew tnaqqis fit-terapija kontra l-epilessija ordnati minn tabib: il-pazjent jista' jingħata parir biex ma jsuqx minn meta jibda l-perjodu tal-irtirar u wara dak għal perjodu ta' sitt xhur wara li titwaqqaf il-kura. Attakki li jseħħu waqt tibdil jew irtirar ta' mediċina ordnati minn tabib jeħtieġu waqfien mis-sewqan għal perjodu ta' tliet xhur jekk terġa' tibda tittieħed il-kura effettiva ta' qabel.

(ix) Wara operazzjoni ta' kura għall-epilessija ara: il-paragrafu (v).

Grupp 2:

(x) L-applikant ma jkunx qiegħed jieħu mediċina kontra l-epilessija għall-perjodu meħtieġ mingħajr attakki. Ikun sar eżami mediku in segwitu kif xieraq. Waqt investigazzjoni newreloġika estensiva, ma tkun instabet ebda patoloġija ċelebrali rilevanti u ma jkun hemm l-ebda attività epilettiformi fuq l-elettroenċefalogramm (EEG). Għandhom isiru EEG u evalwazzjoni newroloġika kif imiss wara l-episodju akut.

(xi) Attakk epilettiku provokat: l-applikant li kellu attakk epilettiku provokat minħabba fattur provokattiv rikonoxxut li x'aktarx ma jerġax iseħħ waqt li jkun qiegħed isuq jista' jiġi dikjarat li jista' jsuq fuq bażi individwali, soġġett għal opinjoni ta' newrologu. Għandhom isiru EEG u evalwazzjoni newroloġika kif imiss wara l-episodju akut.

Persuna b'ferita strutturali intraċerebrali li jkollha riskju akbar ta' attakki m'għandhiex titħalla ssuq vetturi tal-Grupp 2 sakemm ir-riskju tal-epilessija jkun niżel

għal mill-inqas 2 % fis-sena. L-evalwazzjoni għandha tkun, jekk ikun xieraq, skont it-taqsimiet rilevanti ta' din l-Iskeda (eżempju, fil-każ tal-alkoħol).

(xii) L-ewwel jew l-uniku attakk li ma jkunx ġie provokat: l-applikant li kellu l-ewwel attakk ta' epilessija li ma jkunx ġie provokat jista' jiġi dikjarat li jkun jista' jsuq kemm-il darba tul perjodu ta' ħames snin ma jkunx sofra minn attakki oħra mingħajr l-għajnuna ta' drogi kontra l-epilessija, jekk tkun saret evalwazzjoni newroloġika xierqa. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jħallu sewwieqa li jkunu juru minn qabel sinjali tajbin biex isuqu aktar kmieni.

(xiii) Telf ieħor ta' sensi: it-telf ta' sensi għandu jiġi evalwat skont ir-riskju li dan jerġa' jseħħ waqt is-sewqan. Ir-riskju li dan jerġa' jseħħ għandu jkun ta' 2 % kull sena jew inqas.

(xiv) Epilessija: m'għandhomx ikunu seħħew aktar attakki mingħajr l-għajnuna ta' drogi kontra l-epilessija għal għaxar snin. L-awtorità kompetenti tista' tħalli sewwieqa li jkunu juru minn qabel sinjali tajbin biex isuqu aktar kmieni. Dan japplika wkoll fil-każ ta' "epilessija fil-minorreni".

Ċertu mard (eżempju, malformazzjoni arterjovenuża jew emorraġija intraċerebrali) joħloq riskju akbar ta' attakki, anke jekk ma jkunu għandhom seħħew ebda attakki. F'sitwazzjoni bħal dik, għandha ssir evalwazzjoni minn awtorità medika kompetenti; ir-riskju li jkun hemm attakk għandu jkun ta' 2 % kull sena jew inqas biex tkun tista' tingħata liċenza.".